**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 2846/23**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**Tarikul Sardar**
**Abdulshulem Shimon**
**Islam Ashraful**

**Illum 11 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Tarikul Sardar** imwieled Bangladesh fl-1 ta' Jannar 2004, u detentur tan-Numru tal-Pulizija 23D-010, ta' **Abdulshulem Shimon** imwieled Bangladesh fil-5 ta' Frar 1992, u detentur tan-Numru tal-Pulizija 23D-009, u ta' **Islam Ashraful**, imwieled Bangladesh fid-29 ta' Diċembru 2003, u detentur tan-Numru tal-Pulizija 23D-013, talli flimkien ma' oħrajn, ġewwa ċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal-Far, Block D, f'Ħal-Far, nhar is-7 ta' Mejju 2023 għall-ħabta ta' wara l-ħdax neqsin kwart ta' filgħodu (10:45a.m.):

1. Ikkommettew ħarba sempliċi minn ġewwa ċ-Ċentru tad-Detenzjoni ta' Ħal-Far waqt li kienu taħt il-kustodja ta' persuni inkarigati miż-żamma tagħhom u dan bi ksur ta' l-Artikoli 151 u 160 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; u
2. Ma obdewx ordnijiet leġittimi ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku u ma ħallewhx u fixkluh waqt li qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tikkundanna lill-akkużati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif komtemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni senjatament: (a) il-fedina penali ta' l-imputat Tarikul Sardar - Dok."A"; (b) il-fedina penali ta' l-imputat Abdulshulem Shimon - Dok. "B"; (c) il-fedina penali ta' l-imputat Islam Ashraful- Dok."C"; (d) il-*personal details form* ta' l-imputat Tarikul Sardar- Dok."D"; (e) il-*personal details*

*form* ta' l-imputat Abdulshulem Shimon - Dok. "E"; u (f) il-*personal details form* ta' l-imputat Islam Ashraful- Dok."F".

Rat li l-imputati ddikjaraw li huma ħatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħhom, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata minnhom stess wara li l-Qorti spjegatilhom l-implikazzjonijiet legali ta' tali ammissjoni u tagħthom biżżejjed żmien biex jirrikonsidraw l-posizzjoni tagħhom u jerġgħu lura mill-ammissjoni tagħhom;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-każ;

**Ikkunsidrat:**

L-imputati qed jiġu mixlija talli flimkien ma' oħrajn, ġewwa ċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal-Far, Block D, f'Ħal-Far, nhar is-7 ta' Mejju 2023 għall-ħabta ta' wara l-ħdax neqsin kwart ta' filgħodu (10:45a.m.): 1. Ikkommettew ħarba sempliċi minn ġewwa ċ-Ċentru tad-Detenzjoni ta' Ħal-Far waqt li kienu taħt il-kustodja ta' persuni inkarigati miż-żamma tagħhom u dan bi ksur ta' l-Artikoli 151 u 160 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; u 2. Ma obdewx ordnijiet leġittimi ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku u ma ħallewhx u fixkluh waqt li qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputati kollha wieġbu li huma ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom. Fid-dawl ta' tali ammissjoni, l-Qorti tqis kull wieħed mill-imputati għandu jinstab ħati ta' l-imputazzjonijiet hekk dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta' kull wieħed mill-imputati fi stadju bikri tal-proċeduri u l-fatt li kull wieħed mill-imputati għandu fedina penali netta.

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(d), 151, 160, 338(ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ssib lil kull wieħed milll-imputati, fuq ammissjoni ta' kull wieħed minnhom stess, ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundanna lil kull wieħed minnhom għal sitt (6) xhur priġunerija effettiva.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda Esperti u/jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni bbażata fuq l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**